**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 8 ta' Mejju, 2019**

**Talba Nru: 13/2019 PM1**

**Lifts Services Limited (C5543)**

**Vs**

**Diana Debono ghal Vecchia Apartment Owners' Association**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Jannar, 2019 illi l-konvenuta ghandha taghti lis-socjeta` attrici s-somma ta' erba' mija u tnejn u hamsin euro u tnejn u hamsin centezmi (€452.52) rapprezentanti ammont dovut ghal servizzi rezi skont l-i*statement* anness mal-istess talba (Dok. 'A') flimkien mal-ispejjez inkluz dawk tal-ittra ufficjali datata 27 t'April, 2018 (1129/2018) (Dok. 'B' annessa mal-avviz) u l-imghax skont il-ligi mid-dati tal-*invoices* rispettivi.

Ra d-dokumenti annessi mal-avviz tat-talba senjatament l-i*statement* u l-kopja tal-ittra ufficjali li ssir referenza ghalihom fl-avviz.

Ra li l-intimata giet debitament notifikata bit-talba u l-avviz tas-seduta fit-tmintax (18) ta' Frar, 2019.

Ra li waqt is-seduta tat-13 ta' Marzu, 2019 dehret l-istess intimata Debono mhux assistita u t-Tribunal avzaha li huwa fl-ahjar interess taghha u tal-assocjazzjoni li tirrapprezenta li tkellem avukat tal-fiducja taghha. Waqt l-istess seduta l-istess intimata Debono infurmat lit-Tribunal li xtaqet tirregola l-posizzjoni taghha u tal-assocjazzjoni li tirrapprezentaha wara li tkun taf it-talba odjerna x'tirrigwardja dana billi, f'kaz li l-ammont mitlub jinsab sostnut minn *chits* iffirmati minnha jew mill-kondomini, hija tkun lesta li tghaddi sabiex thallas l-istess.

Ra li waqt l-istess seduta it-Tribunla ordna li, ghas-seduta ta' wara, is-socjeta` attrici tezebixxi tali *chits*.

Ra wkoll li waqt l-istess seduta l-intimata Debono infurmat lit-Tribunal li hi kienet ser issiefer minn Malta fi zmien jumejn u terga tirritorna lura sitt xhur wara. In vista ta' din id-dikjarazzjoni, it-Tribunal issollecita mill-gdid lill-intimata sabiex tirregola l-posizzjoni taghha bhala amministratrici tal-assocjazzjoni u wkoll tkun rapprezentata minn avukat tal-fiducja taghha.

Ra li waqt is-seduta tat-2 ta' Mejju, 2019 r-rapprezentanti legali tas-socjeta` attrici pprezentat nota li jinkludu c-*chits* kollha u l-*invoices* relattivi ghat-talba kif verbalizzat fis-seduta tat-13 ta' Marzu, 2019 u dana flimkien ma' *email* datata 11 t'April, 2019 bhala prova li dawn id-dokumenti gew mghoddija lill-intimata. Ra wkoll li, bi twegiba ghal tali *email*, l-istess rapprezentanti legali infurmat lit-Tribunal li l-intimata wegbitha li ser tkun imsiefera sa Settembru u li l-ammont mitlub kien qed jigi kkontestat.

Ra li l-kawza giet differita ghall-prova kollha tas-socjeta` attrici u ghal kwalunkwe informazzjoni ulterjuri min-naha tal-intimata bl-intendiment car illi wara s-seduta ta' wara il-kawza tigi differita ghas-sentenza.

Sema’ xhieda tar-rapprezentant tas-socjeta` attrici waqt is-seduta tas-6 ta’ Mejju, 2019.

Ra li l-intimata baqghet ma ressqet ebda risposta ghat-talba attrici, dana minkejja li jidher li rceviet l-informazzjoni mitluba minnha waqt is-seduta tat-13 ta’ Marzu, 2019.

Ra wkoll li lanqas ma deher hadd ghal-intimata waqt is-seduti tat-2 ta’ Mejju, 2019 u tas-6 ta’ Mejju, 2019.

Ra li l-kawza thalliet ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

**Ikkunsidra**

Illi ghalkemm debitament notifikata l-intimata naqset milli tikkontesta formalment it-talba odjerna u wkoll milli tattendi ghas-seduti kollha iffissati. F’dan ir-rigward l-art. 13(b) tal-**Att dwar it-Tribunal ghal Talbiet Zghar** jipprovdi espressament li jekk il-konvenut jonqos li jidher it-Tribunal jista’ jiddeciedi l-kawza fin-nuqqas tieghu. F’dan il-kaz l-intimata naqset ampjament milli tidher ghas-seduti minkejja li nghataw diversi opportunitajiet mit-Tribunal f’dan ir-rigward u minkejja l-fatt li t-Tribunal stess ripetutement avza lill-intimata bid-drittijiet taghha skont il-ligi, *multo magis* tenut kont tal-intenzjoni taghha li ssiefer fit-tul.

Illi l-ammont mitlub jirrizulta ampjament mid-dokumenti ezebiti a sostenn tal-istess talba mhux biss permezz tal-i*statement* anness mat-talba imma wkoll permezz tan-nota tas-socjeta` attrici datata 2 ta’ Mejju, 2019. Minn tali dokumenti jirrizulta kjarament li bosta mic-*chits* relattivi ghall-*items* hemmhekk indikati jew gew iffirmati mill-klijent (ara f’dan is-sens chits a fol. 12, 18, 19) jew fin-nuqqas tal-klijent, gew impustati fl-appartament numru 4 tal-blokka (ara f’dan is-sens chits a fol. 11 u 21). Ic-*chits* kollha huma wkoll sufficjentement dettaljati fir-rigward tax-xogholijiet imwettqin inkluz ix-xoghol imwettaq, l-isem tat-*technicians* u l-hin relattiv ghal tali xogholijiet. Gew ezebiti wkoll l-*invoices* relattivi ghal tali xogholijiet indirizzati lill-intimata u sahansitra rispediti

fil-mori permezz tal-*email* ukoll ezebita (fol. 22) u datata 11 t'April, 2019. Ghat-Tribunal dawn il-provi dokumentali, debitament sostnuti wkoll mix-xhieda inkontestata tar-rapprezentant tas-socjeta` attrici, huma sufficjenti bhala prova tat-talba odjerna. Ghaldaqstant it-talba attrici timmerita li tigi akkolta bl-ispejjez jigu sopportati mill-intimata.

Fir-rigward tal-imghaxijiet dawn ghandhom jiddekorru mid-data tan-notifika tat-talba odjerna stante li l-kreditu m'huwiex wiehed kummercjali imma merament civili a tenur tal-art. 1141 tal-**Kodici Civili**.

Ghaldaqstant it-Tribunal jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma mitluba ta' erba' mija u tnejn u hamsin euro u tnejn u hamsin centezmi (€452.52) rapprezentanti ammont dovut ghal servizzi rezi skont l-i*statement* anness mal-istess talba flimkien mal-ispejjez inkluz dawk tal-ittra ufficjali datata 27 t'April, 2018 (1129/2018) u l-imghax mit-18 ta' Frar, 2019 kontra l-istess konvenuta.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**